29 ta' Mejju, 1944.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Angelo Grima** *versus* **Salvatore Cini**

**Skrittura Privata — Nullità — Awtentikazzjoni.**

***Għall-validità ta' l-awtentikazzjoni ta' skrittura privata l-liġi trid illi x-xhieda li quddiemhom issir l-awtentikazzjoni jkunu idonei, u ma tridx bħala piena ta' nullità li n-nutar isemmi wkoll fl-att li x-xhieda huma idonei. U għalhekk l-iskrittura mhix nulla billi ma jkunx fiha l-indikazzjoni li x-xhieda huma idonei, sakemm ma jiġix ippruvat li huma inidonei.***

***Lanqas ma tista' l-iskrittura tiġi miżmuma nulla billi n-nutar ma jsemmix fiha l-post fejn saret l-awtentikazzjoni.***

**L-attur** **fit-taħrika** qal li bi **skrittura privata tal-20 ta' Novembru 1943** (**dok.** A) **il-konvenut** Cini **ppromettà u obbliga ruħu li jbigħlu**, u **dan aċċettà** u obbliga ruħu li jixtri, **l-għalqa** **f'Każal Pawla**, **Strada Loggia** u **Strada Pietro Santa Ubaldesca**, **tal-kapaċità ta' ċirka** tomnejn, b'maqġel, **kamra** ossija lok ta' **djar** b'diversi **komodità**, imlaqqma "**tal-Ġnien**", u garage **imwaqqa' bl-injam** u pjanċi **għal Strada Loggia numri** 135 u **134**, bil-bieb anki għal Strada Pietro Santa **Ubaldesca**, mingħajr numru, u l-għalqa l-oħra **Każal Pawla**, **Strada Reġina**, **tal-kapaċità ta'** tomna ċirka, imlaqqma "ta' **Strada Reġina**", soġġetti ż-żewġ għelieqi għaċ-ċens perpetwu ta' £2. 9. 0 **fis-sena**, **kif** jirriżulta mill-iskrittura annessa, u bil-prezz **konvenut ta' £625**; u li l-konvenut **issa** jirrifjuta li jaddivjeni **għall-att tal-bejgħ** kontemplat fl-annessa skrittura: u talab li, **wara li jkunu premessi** d-dikjarazzjonijiet neċessarji u **mogħtija l-provvedimenti** opportuni, il-konvenut (1) jiġi minn **din l-Qorti** **kundannat** biex fi żmien qasir u perentorju li jiġi minnha **stabbilit** **jaddivjeni** għall-att tal-bejgħ tal-fondi fuq **indikati skond** il-**ftehim** stipulat fl-iskrittura annessa (dok. A); (2) **jiġi nominat nutar sabiex** jirċievi l-imsemmi att **tal-bejgħ** u **kuraturi biex** jirrap**preżentaw** **l-eventwali kontumaċi**. **Bl-ispejjeż**;

*Omissis:*

**F**uq l-eċċezzjoni l-Qorti tirrileva li l-kitba privata li biha l-kontendenti ftehmu fuq il-bejgħ u xiri saret bl-għajnuna tan-

Nutar E. Saydon, li awtentika quddiem żewġ xhieda l-marki li għamlu l-kontendenti flok firmi minħabba li ma jafux jiktbu. L-awtentikazzjoni tgħid:— "L-imsemmijin Salvatore Cini u Angelo Grima, minni magħrufa, wara ċerzjorazzjoni, għamlu l-marka tagħhom quddiemi u quddiem ix-xhieda Lorenzo Vella, impjegat, bin il-mejjet Aronne, u Antonio Pisani, sensal, bin il-mejjet Giuseppe, joqogħdu Każal Pawla, 20 ta' Novembru 1943". Peress li n-Nutar f'dik l-awtentikazzjoni ma qalx li x-xhieda kienu idonei, l-imħarrek jippretendi li l-awtentikazzjoni ma tgħoddx, u li għalhekk ma tgħoddx il-kitba stess. Iżda l-liġi ċitata mill-imħarrek trid biss li x-xhieda jkunu idonei, u ma tridx taħt piena ta' nullità li n-nutar jiddikjara fl-att li x-xhieda huma idonei. U sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju, għandu jimbasar li x-xhieda aċċettati mill-partijiet u min-nutar huma idonei fis-sens li trid il-liġi. Il-fatt stess li n-nutar semma x'jagħmlu juri li dawk ix-xhieda huma idonei, u l-imħarrek ebda tentativ ma għamel biex juri li ma humiex. Għaldaqstant il-Qorti ma ssib ebda nullità f'dik l-awtentikazzjoni għar-raġuni fuq imsemmija mill-imħarrek. Lanqas ma hemm ebda nullità għar-raġuni ta' nuqqas ta' indikazzjoni ta' fejn saret l-awtentikazzjoni, għaliex in-nutar niżżel u semma r-raħal fejn saret l-awtentikazzjoni, u l-liġi ma tridx taħt piena ta' nullità li jissemmew ukoll it-triq u n-numru talbieb jew bibien ta' fejn l-att ikun sar, għalkemm ikun wisq aħjar meta jissemmew ukoll;

Fuq il-meritu ebda eċċezzjoni ma ġiet mogħtija, u l-obligazzjoni tirriżulta mill-kitba privata mehmuża mat-taħrika; u t-tliet xhur mill-konvenju issa ilhom li għaddew;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-tliet eċċezzjonijiet ta' l-imħarrek u tilqa' t-talbiet; u għalhekk għax-xandir ta' l-att meħtieġ tiddestina l-jum tad-19 ta' Ġunju 1944, fit-3.30 p.m., f'waħda mill-awli ta' dil-Qorti, u taħtar biex jirċevieh u jxandru lin-Nutar Luigi Gauci Forno, bl-intervent ta' l-Avukat Dr. Paul Farrugia bħala kuratur talkontumaċi;

L-ispejjeż iħallashom l-imħarrek.

---